TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/14/18/S

John Cachia
vs
Orange Travel Group Limited

Illum, 22 ta'Novembru, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat mir-rikorrenti fit-2 ta' Frar 2018;

Ra r-Risposta tal-intimat ippreżentata fis-26 ta' Frar 2018; u

Ra d-dokumentazzjoni kollha esebita, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni li saret nhar l-4 ta' Ottubru 2018.

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti qiegħed jitlob l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500.00) u in sostenn tat-talba tiegħu, ippreżenta lista twila ta' ilmenti rigwardanti *cruise* li kien mar u ammont ta' ritratti. Dawn id-dokumenti u r-ritratti kienu mehmuża mal-Avviż tat-Talba.

Illi fir-Risposta relattiva, ġie eċċepit qabel xejn li ħafna minn dak li osserva r-rikorrent kien xogħol ta' manteniment li kellu jsir sabiex il-vapur jibqa' fi stat tajjeb u ntqal ukoll li skont informazzjoni mgħoddija lill-intimat minn Ms Itziar Asencio, *guest relations executive*, l-intimat ma għamel ebda ilment lill-uffiċċju tal-*guest services* fuq il-vapur (ara Dok. AK2).

Illi l-intimat ikkonferma l-Avviż tat-Talba bil-ġurament u fil-bqija tax-xhieda tiegħu, ir-rikorrent elabora fuq l-ilmenti li kien semma' fid-dokumenti mehmuża mal-Avviż tat-Talba. Fost l-ilmenti, ir-rikorrent semma' li ma kienx hemm mitraħ għall-*cot* ta' ibnu, li għamlu jumejn mingħajr ilma sħun, li wieħed mill-*lifts* tal-vapur ma kienx jasal sa ċertu *deck* u li kien hemm *crane* mal-gallarija tal-kabina tagħhom *stante* xi xogħlijiet li kienu qed isiru.

Illi mart ir-rikorrent, ċioe Denise Cachia Vella, ikkonfermat dak li xehed żewġha kif ukoll il-kontenut tal-Avviż tat-Talba u d-dokumenti u r-ritratti mehmuża.

Illi in kontro-eżami, ir-rikorrent xehed li huwa fetaħ l-ilment madwar xahrejn wara li spiċċa l-*cruise*.

Illi għas-soċjetà intimata xehdet Anna Khomko li ppreżentat numru ta' dokumenti. Hija spjegat li x-xogħlijiet, żebgħa u *welding* li semma' r-rikorrent kienu kollha xogħlijiet neċessarji ta' manteniment. Fir-rigward tal-*cot*, Khomko xehdet li l-ekwipaġġ tal-vapur kien infurmat b'din il-ħtieġa tar-rikorrent u anki jekk ma kienx hemm *cot* fil-kamra, din setgħet faċilment tinġieb fil-kabina mill-ekwipaġġ tal-vapur.

Illi rigward l-ilment li l-*gangway* kienet partikolarment wieqfa u kien diffiċli li r-rikorrenti, martu u binhom jinżluha, Khomko xehdet li dan kien jiddependi mit-temp fil-post u mill-baħar (*tides*).

Illi Khomko ippreżentat numru ta' dokumenti (immarkati "AK1", "AK2" u "AK3") li indikaw, fost affarjiet oħrajn, li skont Ms Itziar Asencio, ir-rikorrent ma għamel ebda ilment lill-uffiċjali kompetenti fuq il-vapur (ara Dok. AK2).

Illi t-Tribunal josserva qabel xejn li r-rikorrent stess qatt ma ċaħad li huwa ma kienx għamel ilmenti lill-uffiċjali tal-vapur (fil-fatt, fis-seduta tas-26 ta' April 2018, hu xehed: "*Mela jien inkun holiday ħa nagħmel nofs holiday ma' tal-complaints ma jistax ikun*"). Inoltre, ir-rikorrent ikkonferma

li kien fetaħ l-ilment madwar xahrejn wara li spiċċa l-*cruise*.

Illi t-Tibunal ma jaqbilx li l-ilmenti tar-rikorrent rigward xogħlijiet ta' manteniment, rigward il-*lift* u rigward il-*gangway* huma fondati. Dan għar-raġuni li l-manteniment huwa dejjem neċessarju (u r-rikorrent qatt ma ċaħad li fil-fatt, dawn kienu xogħlijiet ta' manteniment), li l-ilment rigward il-*lift* ġie kontradett minn Ms Itziar Asencio u l-kwistjoni tal-*gangway* kienet *stante* l-baħar u t-*tides*, li ċertament għalhekk mhux ħtija tas-soċjetà intimata.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent messu ġibed l-attenzjoni tal-ekwipaġġ għall-ilmenti tiegħu sabiex dawn kienu forsi jiġu solvuti dak il-ħin stess. Kien nuqqas serju tar-rikorrent li donnu ipprefera li jħalli kollox għaddej imbagħad jibda l-proċeduri quddiem dan it-Tribunal.

Illi għalhekk, it-Tribunal ma jikkondividix il-fehma tar-rikorrenti u mhux konvint li t-talba tiegħu għandha tintlaqa'.

<u>Deċide</u>

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, sema' x-xhieda tar-rikorrenti quddiemu stess, ħa konjizzjoni tal-provi kollha, wara li sema' t-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent.
It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru